**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 5 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 78 /2025 JPG**
**Kawza nru.: 21**

**ED u KD**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 20 ta' Frar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fid-29 ta' Settembru tas-sena 2018 (Att taz-zwieg anness bhala* ***Dokument D1****) ġewwa Malta;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Andrew James Navarro fit-12 ta' Frar 2025 (Kuntratt anness bhala* ***Dokument D2****) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw reċiprokament ghad-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Klawzola numru 5 tal-istess kuntratt).*
6. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni.*

***Ghaldaqstant** ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, u previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jiġi stabbilit illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B gew sodisfatti, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi żmien indikat fl-Artikolu 66A (4) tal-istess Kapitolu, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ED xehdet** (vide affidavit Dok ED1 fol 23) illi l-partijiet izzewgu nhar d-29 ta' Settembru 2018. Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Xehdet illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-12 ta' Frar 2025 fl-atti tan-Nutar Dr Andrew James Navarro. **Jidher illi l-partijiet ghexu separati minn xulxin ghal jew in eccess ta' sitt xhur** (vide fol 27). Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**KD xehed** (vide affidavit fol 24) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

> ***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Settembru 2018 liema zwieg jgib certifikat numru 2933/2018 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK D1 fol 5). Jirrizulta li l-partijiet ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Andrew James Navarro nhar it-12 ta' Frar 2025 (Vide Dok D2 a fol 6 et seqq.) Ddikjaraw li ghexu separatament ghal aktar minn 6 xhur. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2933/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**